

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni tad-direttur eżekuttiv tal-ENISA li jirrexxindi l-kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat tar-rikorrenz.

Talbiet tar-rikorrenz

— jannulla d-deċiżjoni impliċita ta' każda tal-ilment amministrattiv tiegħu kif ukoll kull att preċedenti illegali, inkluż l-att li permezz tiegħu l-ENISA keċċiet lir-rikorrenz;

— jordna l-ħlas lir-rikorrenz tas-somma ta' EUR 50 000 bħala kumpens għad-dannu morali li sostna;

— tikkundanna lil ENISA għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2014 — ZZ vs L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA)

(Kawża F-3/14)

(2014/C 85/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenz: ZZ (rappreżentanti: T. Bontinck, A. Guillerme, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA)

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni tal-EASA li ġġedded il-kuntratt tar-rikorrenz għal sena waħda biss minflok ħames snin, bi ksur tal-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008/KE.

Talbiet tar-rikorrenz

— jannulla d-deċiżjoni tat-12 ta' Marzu 2013 tal-Bord Amministrattiv li jġedded il-kuntratt tiegħu għal sena waħda biss;

— konsegwentement, jannulla l-emenda Nru 2 għall-kuntratt ta' xogħol tiegħu li ġġedded il-kuntratt għal perijodu ta' sena;

— jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Jannar 2014 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-5/14)

(2014/C 85/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenz: ZZ (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li r-rikorrenz jitneħħa mill-pożizzjoni tiegħu skont l-Artikolu 9(1)(h) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal mingħajr tnaqqis tad-drittijiet għall-pensjoni wara investigazzjoni interna li bdiet wara investigazzjoni mill-OLAF mibdija kontra impriża u talba għad-danni fir-rigward tad-danni morali u materjali allegatament imġarrba.

Talbiet tar-rikorrenz

— jannulla d-deċiżjoni adottata fis-16 ta' Ottubru 2013, innotifikata fid-dar tar-rikorrenz fit-18 ta' Ottubru ta' wara mid-Dipartiment tas-Sigurtà tal-Kummissjoni, meħuda mill-Awtorità tal-Ħatra magħmula minn tliet partijiet fil-fajl CMS 12/042, li tipprovdi li “ZZ għandu jitneħħa mill-pożizzjoni tiegħu skont l-Artikolu 9(1)(h) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal mingħajr tnaqqis tad-drittijiet għal pensjoni” u li tidħol “fis-seħħ ix-xahar wara d-data tal-iffirmar tagħha”;

— jikkundanna lill-Kummissjoni tħallas, bħala kumpens għad-danni morali, mediċi, familjari, professjonali u materjali u għall-ħsara għall-karriera tar-rikorrenz, li ġiet evalwata b'mod simboliku għal EUR 1, l-ammont ta' EUR 30 000, bla ħsara għal kwalunkwe żieda jew tnaqqis li jistgħu jintalbu fil-mori tal-kawża;

— fi kwalunkwe każ, jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha, skont l-Artikolu 87(1) tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.